# Beati u Qaddisin….Ottubru

## SAN XMUN U SAN GUDA TADDEW
## 28 TA' OTTUBRU




San Xmun kien imlaqqam il-Kananew jew iz-Zelota biex ikun distint minn San Pietru u San Xmun, li lahaq wara San Gakbu iz-Zghir bhala isqof ta' Gerusalemm.

Dan l-appostlu laqa' is-sejha ta' Kristu b'entuzjajzmu kbir. Il-vangelu jitkellem ftit wisq fuq dan l-appostlu; jghid biss li Kristu dahhlu fost it-tnax. Huwa rcieva l-Ispirtu Santu fil-jum tal-Pentekoste bhal l-appostli l-ohra u kien fidil lejn il-vokazzjoni tieghu.

Ippridka l-kelma ta' Kristu lill-popli ta' l-Egittu u l-Mawritana.

Akkumpanja lil San Guda Taddew fil-Persja, fejn is-sacerdoti ta' idoli foloz habbtu ghalihom u minn dawn, San Xmun gie mislub wara li sofra hafna torturi ghal l-isem ta' Gesu' Kristu.
Huwa mizmum li parti kbira mir-relikwi tieghu jinsabu gewwa San Pietru f'Ruma u fil-Katidral ta' Tolosa.

San Guda Taddew.

San Guda mlaqqam Taddew biex ikun distint minn Guda t-Traditur, kien iben Kleofa u Marija, kugina ta' l-Vergni Mqaddsa Omm Gesu'. Ghaldasqtant kellu parentela ma' Kristu.
Wara li nizel fuqu l-Ispirtu Santu fil-Pentekoste huwa mar jippridka fl-Indi, Samarija u fis-Sirja, imma fuq kollox fil-Mesopotamja. Fis-sena 62 l-appostlu rritorna Gerusalemm.
Fil-Persja ghamel gid kbir ghax ikkonverta lill-Familja Rjali u hafna dinjitarji tal-qorti. Waqqaf knejjes u kommunita ta' fidili fil-Babilonja. Fil-Persja huwa sofra l-martijru.
Huwa halla ittra sabieha ndirizzata lill-knejjes ta' l-Orjent. Jezorta lill-fidili biex jittrattaw b'kompassjoni lil dawk li zbaljaw u joqghodu 'l boghod mill-vizzji u l-ereziji li sa mill-bidu tal-knisja bdew jimbtu u jsiru komuni u jaghmlu hafna hsara fost l-insara.

Jum wiehed Guda Taddew iltaqa' ma' l-appostlu Xmun iz-zelota u t-tnejn evangelizzaw fil-Persja.

Grew ma' l-ibliet kollha sa ma waslu f'Suanir fejn hemm gew obbligati joffru sagrificcju lil Allat tax-Xemx u l-Qamar. Fuq rifjut taghhom gew moghtija l-martirju.